MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Numru 52/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio**
**Valletta)**

**vs**

**ESAM ALI TUNISI**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz tagħha Esam Ali Tunisi ta' 22 sena, iben Ahmed u Hamisa Mohammed Nifsi, imwieled il-Libya nhar is-27 ta' Lulju 1981 u residenti post mhux magħruf, detentur ta' passaport numru 632040 ġie akkużat:

a) talli nhar 16 ta' Jannar 2003 għal ħabta ta' 4 ta' filgħodu ġewwa l-Yacht Marina, il-Gżira, fuq Berth 25

ikkommetta serq ta’ radio cassette tal-marka Autovox minn Yacht bl-isem Florette, kwalifikat bil-ħin u lok, li sar għad-detriment ta’ Haynes Ranold.

b) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Innutat li Dr Martin Fenech għall-Imputat iddikjara li l-Imputat mhux jikkontesta il-legalita’ ta’ l-arrest tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-Imputat tramite l-interpretu jwieġeb li hu ħati ta’ l-akkuża (a) u spjetat bl-aktar b’mod solenni lill-Imputat tramite l-interpretu l-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni tiegħu ta’ ammissjoni rigward l-akkuża (a) u tat lill-istess Imputat ftit taż-żmien biex jerġa’ jikkunsidra tali dikjarazzjoni u meta reġa’ ġie mistoqsi l-Imputat tramite l-interpretu xi jwieġeb rigward l-akkuża (a), hu, tramite l-interpretu, reġa’ wieġeb li hu ħati.

Innutat li d-Difiża u l-Prosekuzzjoni qablu li l-akkuża (b) hi akkuża alternattiva għall-akkuża (a).

Innutat ukoll li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li hi konsapevoli li r-refurtiva ġiet ritornata lis-sid.

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-art. 261(e) u (f), 269(e), 270, 281(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi fiċ-ċirkostanzi, inkwantu għall-akkuża (a), il-Qorti ssib lill-Imputat Esam Ali Tunisi, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat, ħati ta’ l-imsemija akkuża kif dedotta kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Imputat Esam Ali Tunisi għall-piena ta’ sena priġunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu għall-piena ta’ priġunerija m’għandhiex tibda

sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-Imputat Esam Ali Tunisi jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u l-Qorti qed tagħti lill-Imputat Esam Ali Tunisi tramite l-interpretu l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inkwantu għall-akkuża (b) stante li din l-akkuża hi alternattiva għall-akkuża (a), tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija akkuża (b).

--------------------------------TMIEM--------------------------------